MINUTI

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 29**

IL-ĦAMIS 24 TA' FRAR 2011 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 28 inkluż l-Aġġornamenti ittieħdu bħala moqrija.

Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti talab li ssir emenda fil-minuta II.v tas-Seduta li saret fit-28 ta' Frar 2011. Din ġiet approvata mill-Kunsill.

ii Is-Sindku pproponiet li l-Minuti tas-Seduta 28 li saret fis-17 ta' Jannar 2011 jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati nem con.

iii Is-Sindku pproponiet li l-Minuti ta' l-Aġġornament tas-Seduta 28 li saret fl-20 ta' Jannar 2011 jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A. Farrugia ssekonda. Dawn ġew approvati nem con.

iv Is-Sindku pproponiet li l-Minuti ta' l-Aġġornament tas-Seduta 28 li saret fil-25 ta' Jannar 2011 jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur u 1 kontra.

Fuq talba tal-Kunsillier F. Roe qed jitniżżel kif saret il-Votazzjoni. Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri E. Muscat u F. Roe ivvutaw favur. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti vvota kontra.

v Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

II PUNTI MILL- MINUTI

i Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni għall-iskema mnedija mill-Awtorita' tad-Djar dwar ir-riġinerazzjoni ta' l-oqsma madwar il-bini tal-Gvern ġiet sottomessa.

Is-Sindku nfurmat ukoll li l-istess Awtorita' qed tniedi skema oħra dwar xogħlijiet ta' manutnezjoni fuq l-oqsma tal-Bini tal-Gvern. Hija qalet li saret laqgħa fejn ġie spjegat il-kunċett ta' din l-iskema.

Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ssuġġerixxa li l-Kunsill iqabbad perit jagħmel rapport dwar l-istat tal-flats. Is-Sindku qalet li l-Awtorita' se tibqa' responsabbli għall-ħsarat infrastrutturali u ħsarat oħra li l-ispiża tagħhom tkun waħda konsiderevoli. Għalhekk hija ma taqbilx li għal xogħlijiet ta' manutenzjoni, bħal żebgħa u tikħil, il-Kunsill joqgħod jonfoq il-flus fuq rapporti. Hija fakkret li din l-għotja (€5000) hija biss ta' darba u wara jkun xogħol l-amministrattur li se jiġi maħtur għal kull blokk li jieħu ħsieb jiġbor il-flus u jagħmel il-manutenzjoni.

Is-Sindku kompliet li r-residenti għandhom jiġu nfurmati b'dan u jiġu mħeġġa wkoll jiffurmaw il-kumitat minn issa (fejn dan għadu mhux eżistenti). Hija nfurmat ukoll li jridu jsiru laqgħat għar-residenti ta' kull binja biex naraw x-xogħlijiet li jitolbu r-residenti u sa l-aħħar ta' Ġunju jridu jiġu ddentifikati l-ewwel 7 blokki li se jibbenifikaw minn din l-iskema. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li r-residenti għandhom ikunu nfurmati li wara li ssir talba għax-xogħlijiet se jkun perit li jidentifika liema huma dawk ix-xogħlijiet l-iżjed urġenti.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bozza li kien hemm f'nofs Triq Testaferrata ġiet maqlugħa u fil-jiem li ġejjien se ssir waħda ġdida fuq l-arblu ta' l-Enemalta li hemm fil-viċin.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (... ikompli)

iii Is-Sindku rreferiet għall-proġett tal-photovoltaic panels u nfurmat li dan wasal fil-fażi li jiġi mgħoddi l-cable. Il-Kunsill iddiskuta wkoll is-sistema tal-grid u ġie deċiż li l-enerġija akkumulata tinbiegħ u l-konsum jitħallas normali. Il-Kunsill approva wkoll l-installazzjoni ta' arloġġ tal-PV mill-Enemalta.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li baqa' żewġ kuntratti x'jiġu ppreżentati, wieħed ta' sid ġdid li għadu kemm xtara wieħed mill-flats u l-ieħor ta' l-inkwilin li kien hemm xi diżgwid mieghu. Is-Sindku qalet li l-Avukat deher għan-nom tal-Kunsill fis-Seduta tal-Qorti li saret il-Ġimgħa l-oħra u l-akkużi li kien hemm ġew irtirati. Il-Kunsill talab li tintbgħat reminder liż-żewġ inkwilini dwar il-kuntratt.

iv Is-Sindku nfurmat li qed nistennew risposta mingħand il-GreenMT dwar l-għotja ta' boroż għas-separazzjoni ta' l-iskart.

v Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit ippreżenta l-oġġezzjoni lill-MEPA dwar l-applikazzjoni għall-pontoons. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll dwar korrispondenza relatata li ġiet ikkupjata lill-Kunsill mill-Għaqda Sajjieda u Dilettanti Gżira.

vi Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-Bye-Law dwar Reklami ma' l-Għamara tat-Toroq. Hija nfurmat li l-Kunsill irid jagħżel waħra mir-rati msemmija jew jagħmel skeda bħal dik tal-Kunsill ta' San Ġiljan. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jaddotta din l-iskeda bil-qisien u r-rati msemmija. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti issuġġerixxa li għandha tiġi kompilata lista ta' entitajiet li jistgħu jiġu eżentati mill jħallsu.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (... ikompli)

vi Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet ukoll għall-Bye Law dwar il-korsijiet. Hija qalet li nfurmat lill-Legal Officer tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-proposta tal-Kunsill biex minflok skeda b'suġġetti speċifiċi issir lista hekk kif ġie propost mill-Kunsill fir-Riżoluzzjoni. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u s-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tanalizza l-aħħar Bye-Laws u tirrapporta lill-Kunsill.

vii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kumpanija SR estendiet il-prezz tad-doggy bins sa Ottubru ta' din is-sena. Hija nfurmat ukoll li ż-żewġ bins mitluba ġew installati. Il-Kunsill talab li tiġi mwaħħla bin u sign oħra Fuq ir-Rampa peress li qed ikun hemm diversi lmenti ta' klieb iħammġu f'din iż-żona.

viii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kitbet lit-Transport Malta dwar il-Pelican Lights u l-modifikazzjoni tal-bankina fi Triq Abate Rigord peress li kellha nformazzjoni li dawn huma l-entita kompetenti.

ix Is-Sindku rreferiet għall-proġett tar-roundabout. Hija ppreżentat kwotazzjoni (€330.40) mingħand C. Micallef Swimming Pools Ltd. għall-provista u nstalazzjoni ta' onyx glass mosaic tiles fil-parti ta' taħt it-tmun. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u unanimament approva din l-ispiża.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kuntrattur Twish talab li l-Kunsill iħallas is-somma ta €10,000 bħala parti mill-ispejjes involuti fit-tender peress li ħafna mix-xogħlijiet issa tlestew. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel ma dan il-pagament dment li l-Kuntrattur jikkonferma li x-xogħlijiet kollha jkunu konklużi sa l-aħħar ta' Marzu 2011.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (... ikompli)

x Is-Segretarju Eżekuttiv qrat korrispondenza mit-Transport Malta dwar il-un/loading bay fi Triq Abate Rigord. Hija qalet li minkejja li l-Awtorita' ġiet infurmata bin-numru ta' ħwienet li hemm f'din iż-żona u anke ntbgħatu ritratti dawn xorta taw struzzjonijiet biex din titneħħa. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-Awtorita' se twaqqaf kull konsultazzjoni mal-Kunsill sakemm l-imsemmija bay titneħħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija għandha nformazzjoni li s-sistema tal-one way ġiet approvata mit-TM pero' minħabba din il-problema għada ma' ħarġitx l-approvazzjoni bil-miktub. Hija fakkret fit-talba urġenti li l-Kunsill għamel minħabba l-periklu biex jitressqu t-tabelli tan-no entry fi Triq il-Watar. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u l-Kunsillier E. Muscat ħa l-inkarigu li jieħu ħsieb dan il-każ.

xi Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbgħatet reminder lit-Transport Malta dwar il-bays għas-sightseeing buses iżda s'issa għad m'hemm l-ebda risposta.

xii Is-Segretarju Eżekuttiv rrappurtat li l-Perit ġie infurmat bir-rapport li jrid jagħmel dwar l-istat tal-kolonni u l-ħadid li hemm fil-Marina u Fuq ir-Rampa.

xiii Is-Sindku rreferiet għall-installazjoni tal-WIFI fix-Xatt ħdejn l-Acquatic Sports Club. Hija qalet li l-Kumitat ikkonferma bil-miktub li se jaċċetta li l-modem jiġi nstallat fil-Klabb.

xiv Dwar il-fuljetti b'reklamar li qed iħammġu t-toroq is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li rċeviet risposta mingħand it-13 Distributions Ltd. Hija qalet li dawn qed jitolbu li l-Kunsill jipprovdi aktar informazzjoni dwar l-ilmenti li saru.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

II PUNTI MILL- MINUTI (... ikompli)

xv Il-Kunsillier F. Roe ikkonferma li hemm 56 konka fi Triq A. Rigord. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tkellem lis-Sur A. Camilleri biex tara meta se jinbdew ix-xogħlijiet.

xvi Il-Kunsill talab li tinkiteb ittra lill-Enemalta dwar l-arblu li hemm fi Triq Abate Rigord kantuniera ma Triq l-Imradd. Il-Kunsill qed jitlob li ssir pressjoni biex il-binja l-ġdida tingħata s-servizz tad-dawl kemm jista' jkun malajr biex l-arblu jinqala' u jkun jista' jeħel il-bus shelter.

xvii Is-Segretarju Eżekuttiv tat rapport dwar r-rati li qed iħallas Il-Kunsill għas-servizz tal-wasteserv. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u kien hemm qbil unanimu li jitħallas dak l-ammont li ġie mgħoddi lill-Kunsill fl-allokazzjoni.

Il-Kunsill qabel ukoll li mal-pagament tinkiteb ittra fejn jingħad li dan il-pagament qed isir bi protesta peress li inqatgħu ir-rebates.

xviii Il-Kunsill ġie nfurmat bir-risposta tat-Transport Malta dwar il-communal parking for blue sticker holders. Ġie deċiż li tingħażel option 2 dik li l-parking bay tkun boarding/alighting.

xix Dwar ġemellaġġ ġdid ma xi lokalita' fir-Renju Unit il-Kunsill ġie nfurmat dwar il-possibilta' ta' kommunikazzjoni mal-Kunsill ta' Isle of Bute fl-Iskozja. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tikkomunika ma' dan il-Kunsill.

xx Dwar Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għada qed tiġbor l-informazzjoni u l-istimi dwar arbli tad-dawl li jixgħelu bis-sistema solari.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku rreferiet għall-kommunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar program televiżiv li jitratta x-xogħol imwettaq mill-Kunsilli Lokali. Hija qalet li li dan jinvolvi ħlas ta' €951. Il-Kunsill ma qabilx li jipparteċipa.

ii Dwar talba għal sinjali tan-no parking minn resident li joqgħod fi Triq il-Prinċipessa Eliżabetta s-Sindku ħadet l-inkarigu li tindaga dwar il-każ.

iii Il-Kunsill iddiskuta l-Konferenza bit-tema "Tough times, Practical Solutions" li se ssir Londra f'Mejju 2011.

Il-Kunsillieri F. Roe u A. Cachia Castelletti pproponew li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tattendi. Is-Sindku ssekondat din il-proposta u kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill.

iv Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bozoz għall-fanali tax-Xatt inxtraw u dawk li ma kienux qed jixgħelu nbiddlu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-fanal sarulu toqob żgħar għaċ-ċirkulazzjoni. Ġie rrappurtat li reġa' hemm numru oħra ta' bozoz mhux jixgħelu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tindaga dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

IV KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI (jkompli…)

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppreżenta lista ta' ilmenti u suġġerimenti biex tittieħed azzjoni dwarhom. Huwa rrefera wkoll għan-notice boards tal-Kunsill u ppropona li fuq ġewwa jiġu miksija bis-sufra biex il-karti bl-avviżi jeħlu sew.

ii Il-Kunsillier E. Muscat ukoll ippreżenta lista ta' ilmenti u suġġerimenti biex tittieħed azzjoni dwarhom.

iii Il-Kunsillier F. Roe nforma li r-residenti tal-Blk E5 qed jilmentaw peress li l-bays allokati għall-ipparkjar f'din iż-żona m'humiex biżżejjed.

Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrapporta li anke r-residenti ta' Fuq ir-Rampa qed jitolbu li f'din iż-żona tiġi mplimentata l-i*skema ta' ipparkjar għar-residenti. Il-Kunsillier E. Muscat qal li ħadd mir-residenti li joqgħodu hemm u jitkellem magħhom hu ma qatt lmenta dwar dan. Is-Sindku nfurmat li meta kienet qed tiġl mplimentata din l-iskema dawn ir-residenti kienu talbu li din ma ssirx fiż-żona tagħhom. Hija nfurmat ukoll li din it-Triq m'hix inkluża fl-Avviż Legali u għaldaqstant trid issir talba uffiċċjali biex din tiġi emendata.* Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tindaga dwar iż-żewġ talbiet.

V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Ġie approvat ukoll il-petty cash.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.45pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu 2011 fil-5.30p.m.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv